Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 63/2016

Il-Pulizja

Vs

Carmel Mugliett

Illum 30 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Carmel Mugliett detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 457762M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Talli fid-9 ta' Frar, 2016 bejn l-ghaxra ta' filghodu (10.00hrs) u nofsinhar (12.00hrs) fil-Belt Valletta u / jew f' inhawi ohra ta' dawn il-gzejjer;

1. Ikkometta serq ta' gojjelerija minn gewwa Pavilion Jewellers, sitwat fi Triq ir-Repubblika, Valletta ghad-dannu ta' Raymond Debono u / jew persuni ohra u / jew entitajiet ohra, liema serq huwa aggravate bil-valur li jiskorri l-elfejn tlett mija u disa' u ghoxrin euro u seba' u tletin centenzmu (€2,329.37);
2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jisraq zewg arloggi tal-idejn wera' dan il-hsieb b' atti esterni u ta' bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu, liema valur ma jiskorrix il-mitejn u tlieta u ghoxrin euro u erba' u disghin centenzmu (€232.94).

3. U kif ukoll talli kiser l-ordnijiet impost fuqu mill-Onorabbli Qorti b' sentenza emanate mill-QOrti li ghada fi stadju operattiv datata 28 ta' Lulju 2014 mill-Magistrat Dr Doreen Clarke LL.D.
4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 289, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b' sentenza moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Frar, 2016, fejn il-Qorti war li rat l-Artikoli 17, 31, 41 (1) (a), 49, 50, 261, 167, 279 (b) u 289 tal-Kodici Kriminali u l-artikoli 7 u 23 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi u tikkundannah erba' (4) snin prigunerija.

Wara li rat l-Artikoli 392 A (2) u 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li l-atti kollha ta' dan il-process flimkien ma' kopja tas-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien li trid il-Ligi.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmel Mugliett pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Frar, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogghoba tirriforma s-sentenza fuq indikata tat-12 ta' Frar, 2016 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati billi tikkonfermaha l-htija, izda taghti sentenza aktar ekwa u gusta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Carmel Mugliett huwa car u manifest u dan jinsab fil-fatt fil-piena. Illi qabel ma kien registrat ammissjoni kien hemm diskussjonijiet bejn l-Ispetturi u l-avukat difensur Dr Martin Fenech, fejn kien hemm ftehim ghal tliet snin prigunerija u mhux erba'. Dan kellu jigi kkomunika lill-Ewwel Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi il-gravam sottopost ghal gudizzju ta' din il-Qorti jikkoncerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ghall-akkuzi kollha li dwarhom l-appellanti gie misjub hati u dan wara ammissjoni inkondizjonata registrata minnu. Jilmenta l-appellanti illi qabel ma l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza kien hemm komunikazzjoni bejn l-prosekuzzjoni u id-difiza fejn sar qbil illi l-piena kellha tkun dik ta' tlett snin prigunerija u mhux erba' kif fil-fatt giet inflitta fuqu mill-Ewwel Qorti.

Illi minn ezami ta'l-atti ghandu johrog illi l-appellanti gie imressaq il-Qorti taht arrest fil-11 ta' Frar 2016. Dak in-nhar wara li l-akkuza giet moqrija mill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament, l-appellanti irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu. Illi l-Ewwel Qorti ma ghaddietx ghas-sentena minnufih billi l-Prosekuzzjoni riedet tezebixxi vera kopja tas-sentenza indikata fit-tielet imputazzjoni u l-kawza giet differita ghall-ghada. Illi imbaghad fis-seduta tat-12 ta' Frar 2016 wara li l-Qorti staqsiet lill-imputat jekk riedx isostni l-ammissjoni minnu registrata il-gurnata precedenti u wara li l-appellanti wiegeb fl-affermattiv, l-Qorti ghaddiet ghas-sentenza u dan wara li l-Prosekuzzjoni esebiet is-sentenza indikata fil-verbal precedenti.

Minn imkien mill-atti allura ma jirrizulta illi kien sar xi forma ta' patteggjament bejn il-partijiet ghal dak li jirrigwarda piena u wisq anqas allura illi l-Ewwel Qorti kienet qed taderixxi ruhha ma' tali patteggjament. Illi l-procedura li kellha tigi segwieta f'dan il-kaz kienet dik indikata fl-artikolu 392A(2) tal-Kodici Kriminali fejn hemm dispost illi:

**"jekk l-akkużat jibqa' jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, din it-tweġiba għandha tiġi rreġistrata, u il-Qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat u tordna li l-atti, flimkien ma' kopja tas-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol."**

Issa s-sub-artikolu 5 ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ifassal il-mod kif ghandu isir il-patteggjament meta jinghad:

**"fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, l-imputat u l-Avukat Ġenerali jistgħu jilħqu ftehim u jitolbu lill-qorti permezz ta' rikors, sabiex fil-każ li l-imputat jiddikjara ruħu ħati, il-Qorti tal-Maġistrati bħala qorti ta' ġudikatura kriminali tapplika dik is-sanzjoni jew miżura jew, meta jkun hekk provdut bil-liġi, kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew miżuri, tax-xorta u l-kwanti tà miftehma bejniethom u li dwarhom l-imputat ikun jista' jingħata sentenza meta jinsab ħati għar-reat jew ir-reati li jiġi akkużat bihom."**

Illi huwa bil-wisq evidenti illi din il-procedura bl-ebda mod ma giet segwieta bejn il-partijiet. Kwindi l-Ewwel Qorti ma kienet bl-ebda mod marbuta ma kwalsiasi ftehim li kien sar bejn l-prosekuzzjoni u id-difiza b'mod informali, jekk tali ftehim ingieb a konjizzjoni tal-Qorti, ghaliex mill-verbali ta'l-atti ma hemm xejn x'jindika illi kien sar dan. Illi fis-sub-artikolu 6 jinsab dispost illi:

**"l-qorti ma għandhiex, meta tagħti sentenza tagħha, tqis kull ftehim dwar is-sentenza li tkun ser tingħata li ma jkunx sar skont is-subartikolu (5)."**

Kwindi l-Ewwel Qorti fi kwalunkwe kaz kienet prekluza milli tiehu konjizzjoni ta' xi ftehim informali li allegatament sehh bejn il-partijiet. Illi dan is-sub-inciz tal-ligi gie mizjud permezz ta'l-Att VIII tal-2015 biex b'hekk il-prassi li kienet ezistenti fil-qrati inferjuri fejn ikun sar xi patteggjament informali mhux irregistrat kif mitlub fil-ligi, kellu xi jigi injorat mill-qorti meta tigi biex taghti d-decizjoni taghha. Dan x'aktarx sehh billi bl-introduzzjoni ta' din l-emenda fil-Kodici Kriminali l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati zdiedet konsiderevolment biex b'hekk issa l-procedura addottata hija simili ghal dik addotatat quddiem il-Qorti Kriminali.

Ghal dawn il-motivi ghalhekk l-aggravvju ta'l-appellanti ma jisthoqqlux akkoljiment u qed jigi rigettat.

Illi fil-kors tat-trattazzjoni orali, id-difensur ta'l-appellanti sahaq illi l-Ewwel Qorti malament qiesitu bhal recidiv billi kienet tezisti diga kundanna precedenti fejn huwa gie iddikjarat tali u kwindi ma setax jerga' jigi misjub

hati ta' dan l-aggravvanti. Illi ghalkemm din il-lanjanza ma gietx ivventilata fir-rikors ta'l-appell, l-Qorti madanakollu ghal kompletezza ta'l-atti ser tistharreg dan l-ilment. Illi fl-ewwel lok l-appellanti gie iddikjarat receidv mhux biss ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali izda ukoll tal-artikolu 289 u dan wara l-ammissjoni minnu maghmula ghal dina l-akkuza.

*"Illi ghalhekk jidher car u manifest li gie ukoll ammess l-addebitu tar-recidiva, ladarba ma saret ebda rizerva jew kwalifika ta' dak li gie ammess ghaliex l-addebitu tar-recidiva huwa parti mill-akkuza. Illi l-ammissjoni jew konfessjoni dejjem giet ritenuta li la tkun saret volontarjament u minghajr theddid, intimidazzjoni, promessi jew suggerimenti ta' vantagg hija l-aqwa prova ossia l-prova regina tal-htija.*[1]*"*

Illi di piu' l-kundanni moghtija fil-konfront ta'l-appellanti fuq reati ta' serq huma multeplici u l-akkuza dwar l-addebitu ta' recidiva ma tindikax liema sentenza partikolari tal-qrati qed jigi addebitat biha biex b'hekk jidher illi qed issir referenza ghad-diversi sentenzi kollha indikati fil-fedina penali piuttost voluminuza tieghu. Kwindi l-Ewwel Qorti setghet fl-ewwel lok fid-dawl ta'l-ammissjoni minnu registrata u fid-dawl tal-fedina penali esebieta mill-Prosekuzzjoni issibu hati ta' dan l-addebitu.

Ghaldaqstant anke din il-lanjanza hija wahda fiergha u minghajr bazi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u id-decizjoni appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur

---

[1] Il-Pulizija vs Julian Xiriha- App.Inf.27/10/2005